# Il-Pulptu tal-Insinji Kolleġġjata u Bażilika tan-Nadur

Mons. Ġużeppi Cauchi

Il-lista ta' artisti li pproġettaw jew ħadmu opri fl-Insinji Kolleġġjata u Bażilika tan-Nadur ma waqfitx la ma' Franġisku Saverju Sciortino, la ma' Pio Cellini, la ma' Lazzaro Pisani, u lanqas mal-mewt tal-Arċipriet Dun Martin Camilleri, imma mqanqlin mill-imħabba u d-dedikazzjoni tiegħu, l-Arċiprieti kollha li ġew warajh, komplew il-ħolma tiegħu u ta' dawk l-artisti ta' qabel, li jagħmlu mill-Knisja tan-Nadur Tempju Monumentali.

Ma' Sciortino, Pisani u Cellini, mhux ta' min iħalli barra lil Profs. Oscar Testa, li fis-snin 60, waqt li l-parroċċa kienet immexxija mill-Arċipriet Mons. Mikiel Portelli, ġie mqabbad biex jipproġetta pulptu tal-irħam, tassew oriġinali u mimli storja għall-Bazilika ta' San Pietru u San Pawl.


Abbozz tal-pulptu

Min kien Oscar Testa? Oscar twieled fil-Belt Valletta fl-10 ta' Lulju tas-sena 1909. Missieru Carmelo u ommu Assunta nee' Zammit. Hu kien wieħed fost ħames ulied, erba' subien u tifla.

Sa minn ċkunitu, wera li kellu talent tal-arti ġo fih, u għalhekk ta' 19-il sena rnexxielu jirbaħ *scholarship* fl-*Accademia di Bella Arti di Roma*, fejn studja u tħarreġ fil-pittura. Kien hawn li ħa diploma fl-Arti Sagra, Ritratti u Restawri. Ma' din id-diploma huwa akkwista wkoll żewġ diplomi oħra, dik tas-*Società d'Arti, Manifattura e Commercio di Malta* u tal-*British and Dominions School of Drawing ta' Londra.*

Fil-5 ta' Jannar 1937, ġewwa il-Bażilika ta' *San Martino al Monte*, l-E.T. Monsinjur Isqof Goffredo Zaccharini bierek iż-żwieġ ta' Oscar Testa ma' Mercedes d'Eltore, li kienet kuġina tal-Kardinal Eugenio Pacelli, li sentejn wara, fis-sena 1939, tela' fuq il-Katedra ta' San Pietru, bl-isem ta' Papa Piju XII. In-nannu ta' dan il-Papa kien iz-ziju tal-mara ta' Oscar, li fi tfulithom kienu jgħixu *f'Via di Monte Giordano* f'Ruma.

Billi kompla jipperfezzjona fis-sengħa tiegħu, u billi martu kienet Rumana, il-parti l-kbira ta' ħajtu, Oscar Testa għaddiha fiċ-ċentru ta' Ruma, f*'Via Merculana*, qrib *Santa Maria Maggiore*. Interessa ħafna ruħu fil-Belt Eterna u fil-Vatikan, tant li l-istorja tagħhom kien jafha sew, u mhux darba tnejn, kien jagħmilha ta' gwida għall-Maltin li kienu jżuru din il-Belt.

Oscar, intgħażel biex jirrestawra kapolavuri tal-arti fil-Palazz tas-*Sagra Congregazione di Propogande Fide*. Bħala pittur, ikkontribwixxa artikli fuq l-istorja tal-arti, u kiteb fost l-oħrajn dwar artisti kbar Taljani, bħal Raffaello, Michelangelo, Leonardo da Vinci, Fra Angelico, Botticelli u oħrajn.

Meta l-Kardinal Franċiż Eugenio Tessant, Dekan tal-Kunsill Sagru, għaraf il-ġenju tiegħu, permezz tal-Kardinal Celse Costantini, tah ċertifikat bħala membru tas-*Sacra Congregazione di Propagande Fide*, li kellha s-seda tagħha fi *Piazza di Spagna*, f'Ruma

Fis-sena 1939 hu beda jirrestawra l-kappella u diversi kwadri li jinsabu fil-Palazz Pontifiċju. Ħadem ukoll f*'Palazzo Borghese*. Ix-xogħol li wettaq fuq l-affreski ġo dawn il-Palazzi matul is-snin 1930/1979, kien ta' sodisfazzjon kbir għalih, imma mhux inqas ta' sens ta' responsabilità enormi, meta wieħed jikkonsidra l-awturi ta' dawn il-pitturi mprezzabbli. Għal dan ix-xogħol importanti li hu wettaq ġie mogħti t-titlu ta' Kavallier ta' Kostantinu, Ordni Militari u Reliġjuż.

Barra dan x-xogħol, hu pitter diversi kwadri għal knejjes f'Ruma u Malta, kif ukoll għal djar privati. Ta' min isemmi kwadru ta' Santa Emilia għall-knisja tal-Birgu. Żewġ kwadri kbar għal fuq l-artal maġġur tal-knisja ta' *Vallepietra* fil-provinċja ta' Ruma, u li jirrappreżentaw lil Kristu fl-Ort tal-Ġetsemani u l-Aħħar Ċena. Ġo *Rocco Canterano* pitter l-apside u t-titular tal-artal tal-Madonna tal-Karmnu. Il-kwadru tal-Madonna tat-Triq għal Kappella tal-Ġiżwiti fin-Naxxar. Kwadru li għandu devozzjoni kbira.

F'*Gerano,* Belt qrib Ruma, il-Kunsill Komunali semma triq għalih, *'Via Oscar Testa' – Insigne Artista Maltese*, għax-xogħol kbir li wettaq fuq xewqa tal-Vatikan ġewwa il-knisja parrokkjali ta' din il-Belt. Il-pittura kollha tas-saqaf ta' din il-knisja, kif ukoll ta' knisja oħra ddedikata lil San Lawrenz, hija ta' OscarTesta.

Fis-sena 1948, Testa kien mistieden f'*Oria* ġewwa *Bari,* biex ipitter u jirrestawra diversi kwadri fil-Palazz tal-Arċisqof. Wara dan ix-xogħol, huwa rritorna Malta, fejn pitter il-kwadru tal-kruċifissjoni tal-Addolorata, u diversi pitturi fil-knisja tas-Sacro Cuor ta' Tas-Sliema.

Fis-snin 1951/52, Testa tela' ġewwa Firenze, Belt magħrufa għall-arti kbira li fiha, fejn pitter kappella sħiħa bil-kwadru titulari tagħha, li jirrappreżenta s-Sagra Familja. Minn hawn mar f'*Cesena* u *Cassia* biex pitter u rrestawra diversi pitturi ta' knejjes.

Ta' min isemmi x-xogħol kbir li wettaq fis-saqaf tal-

Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, meta rrestawra l-pittura ta' Attilio Palombi, u li kienet lesta għaċ-ċelebrazzjonijiet kbar li saru ġewwa Malta, fid-dsatax il-mitt sena minn Nawfraġju ta' Missierna San Pawl. F'dan ix-xogħol, li bla ebda dubju, hu ma setax ma jagħmilx ħiltu kollha biex din l-opra tirnexxi, niftakkru li din kienet il-Parroċċa tiegħu. Fit-twettieq ta'dan ix-xogħol tatu daqqa t'id sewwa anke martu, is-Sinjura Mercedes, li kienet ukoll pittriċi.

Fis-sena 1961, Testa ħadem fuq disinn għas-saqaf tal-Knisja Arċipretali ta' Ħal Qormi, irrestawra l-apsida tal-kor, li hija xogħol ta' Giuseppe Cali u ħadem fuq disinn għal pulptu tan-Nadur. Testa rrestawra l-apside tal-knisja ta' San Duminku u għamel id-disinn tal-bradella u l-pedestal għall-istess qaddis. Barra xogħlijiet oħra f'Ruma, insibu xogħolijiet tiegħu anke' f'pajjiżi oħra bħal fl-Awstralia, f'Boston fl-Amerika u f'Addis Abeba.

Professur Testa miet ħesrem f'daru ġewwa Ruma, fil-preżenza ta' martu u ommha li kellha 'l fuq minn mitt sena. Hu ġie midfun fil-qabar tal-familja ta' martu fiċ-ċimiterju qrib Ruma '*Il Verano*', u fuq il-qabar tiegħu hemm skrizzjoni li tgħid:

PROFESSORE CAVALLIERE OSCAR TESTA
PITTORE MALTESE
(1909-1979)
CON LE SUE OPERE IN ITALIA
FECE ONORE ALLA SUA ISOLA

Kienet is-sena 1958, 'il fuq minn ħamsin sena ilu, meta f'Ottubru ta' din is-sena tħabbret il-mewt tal-Papa Piju XII ġewwa *Castel Gandolfo*, meta Oscar Testa kien nkarigat mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tan-Nadur, biex jiddisinja l-abbozz tal-Pulptu li xtaq jkun opra tassew sabiħa, li tagħmel ġieħ mhux biss lilu, imma b'mod speċjali lill-istess Kolleġġjata.

Hawn ser nirriproduċu silta minn waħda mill-ittri tiegħu lill-Kapitlu; *"Jien nittama li fikom jibqa' lejja dik il-fiduċja li dejjem urejtuni. Malli jiena aċċettajt li nidħol għal din l-opra, jiena għamilt f'moħħi li nagħmel ħilti kollha biex il-pulptu jkun opra awtentika ta' valur artistiku. Mhix sejra tkun opra sempliċement kummerċjali, kif ħafna qegħdin jagħmlu mingħajr l-ebda kriterju artistiku".*

L-abbozz tal-pulptu magħmul minn Oscar Testa, wasal fin-Nadur minn Ruma fil-festa tal-Imnarja tas-sena ta' wara (1959). Dan l-abbozz li sal-lum għadu merfugħ fl-Awla Kapitulari, kien jikkonsisti f'għamla ta' urna ovali, bi tnax-il niċċa miksija b'mużajk tad-deheb, li ġo fihom tpoġġew it-tnax-il Appostlu tal-bronż. Din l-urna tpoġġiet fuq frieghi mejta ta' siġra li taħtha hemm jistkennu żewġ statwi ta' Adam u Eva, waqt li *d-dorsale* tiegħu hi mżejna b'purtiera tal-irħam aħmar miżmuma minn żewġ anġli biex tispikka taħtha l-figura ta' Kristu Rxoxt rebbieħ fuq il-mewt u d-dnub, fil-mużajk tal-kulur. Iktar 'il quddiem infisser dan l-abbozz fid-dettal.

Tpoġġa għall-wiri u tant intgħoġob li waħda benefattriċi mill-parroċċa, Maria Debono offriet nofs l-ispiża tiegħu, is-somma ta' Lm2000. Il-kumplament tal-ispiża li kienet ta' Lm4000 inġabret kollha mill-poplu Naduri. Ta' min jgħid li fl-istess waqt nibtet fin-Nadur l-idea li l-knisja kollha tinkesa bl-irħam, spiża enormi għal dawk is-snin, imma kienet possibli għax għall-knisja tiegħu, il-poplu Naduri dejjem kien ġeneruż tant li f'qasir żmien inġabret somma tassew fenominali għal dak iż-żmien ta' madwar Lm15,000.

Gualtiero Luisi ġie fin-Nadur u flimkien ma' Oscar Testa u s-Sur Carmelo Tonna, wara li għamlu studju tal-pittura u l-knisja kollha, għażlu l-kuluri u kwalità tal-irħam li bih kellha tinkesa l-knisja kollha. Hekk biex naghti eżempju ta' dan, għall–pilastri maġġuri kollha, intgħażel *giallo di Siena*, għas-sekondi *rosa di Garda*, għall-pilastri l-oħra *pernice*, waqt li għall-fondijiet kollha tal-knisja, intgħażel *onici* mill-Marokk.

Billi dan il-pulptu ma setax ikollu taraġ minħabba l-appostolat li hemm madwar l-urna tiegħu, u li jagħmel lil dan il-pulptu differenti minn oħrajn, inqalgħet kwistjoni u fl-istess ħin problema, kif ser jitħaffer taraġ ġol-pilastru maġġuri li fuqu hemm mibnija l-koppla. Għalkemm uħud beżgħu għall-fatt li seta' jisfronda il-bini, dan ix-xogħol ħadmu b'xejn Anġlu Camilleri *il-Bediq.*



***Xogħol fuq il-pulptu***

Dan il-pulptu li nħadem mid-ditta *Temistocle Sarte* ta' Pisa, mill-iskultur Gualtiero Luisi, wasal fin-Nadur flimkien ma' parti mill-irħam li bih kellha tinkesa l-knisja kollha fis-16 ta' Lulju 1960, miegħu wasal ukoll l-iskultur flimkien ma' żewġ ħaddiema tal-istess fabbrika. Ix-xogħol ta' tqegħid tal-pulptu flimkien mal-pilastru li jinsab warajh, beda fil-11 ta' Novembru u ħa sal-10 ta' Diċembru. Dan il-pulptu tassew artistiku li jikkonsisti fi ftit inqas minn għaxar tullennati irħam flimkien mal-bronż tbierek mill-E.T. Mons. Ġużeppi Pace, Isqof Djoċesan, fit-18 ta' Diċembru 1960, u wara dik l-okkażjoni kellu jkun tifel l-ewwel li jippriedka minn fuqu, fil-priedka tal-lejl tal-Milied.

Meta wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn dan il-pulptu, irid u ma jridx jistaqsi, x'għandha x'taqsam is-siġra tal-Eden b'Adam u Eva taħtha, u għaliex meta tħares lejh aktar jagħtik dehra ta' monument milli ta' pulptu ġaladarba lanqas fih taraġ bħal pulpti l'oħra li għandna naraw fil-knejjes tagħna?

Hawn tidher il-kapaċità tal-artist, għaliex meta pproġettah kif stqarr hu stess fl-ittra li kien bagħat lill-Kapitlu u li jiena semmejt iżjed 'il fuq, ma riedx jagħmel xi ħaġa sempliċement kummerċjali mingħajr ebda kriterju artistiku. Fi kliem ieħor ma xtaqx ipoġġi sempliċiment biċċa għamara fil-knisja li minn fuqha tiġi mxandra l-kelma t'Alla. Imma ried li waqt li

jipprovdi minn fejn din il-kelma tiġi mxandra, dan il-pulptu jkun opra marbuta mal-istorja tas-Salvazzjoni.

U hawn ta' minn ifisser x'messaġġ jista' jwassal dan il-pulptu. Bħala bażi għandna siġra bla weraq fiha, b'żewġ statwi ta' Adam u Eva li qegħdin jiġu ttentati mis-serp, li jirrappreżenta d-demonju tal-infern.

**Is-Siġra bla weraq:** tirrappreżenta s-siġra li Alla qal lill-bniedem, "*Mis-siġar kollha tal-ġnien tista tiekol, imma mis-siġra tat-tagħrif it-tajjeb u l-ħażin, ma tikolx minnha, għax dak in-nhar li tiekol minnha żgur tmut*". (Gen. 2 16 – 17). U ġaladarba kielu minnha, saret siġra bla ħajja, għalhekk bla weraq. Kien id-dnub tas-suppervja ta' Adam u Eva, l-ewlenin ġenituri tagħna, li minħabba fih daħal id-dnub fid-dinja, u mad-dnub, il-mewt li hi rrappreżentatha f'din is-siġra bla ħajja, għax imneżża' mill-weraq.

Hawn naraw ukoll is-serp li jirrappreżenta lix-xitan, it-tentatur, li mimli għira għall-bniedem, ittanta u qarraq lil Eva: "*U Alla qal lill-mara; 'x'inhu dan li għamilt?' U l-mara wieġbet: 'Is-serp qarraq bija, u jien kilt. U l-Mulej qal lis-serp: 'Talli għamilt dan, misħut int fost il-bhejjem kollha u fost l-annimali selvaġġi, għal żaqqek titkaxkar, u t-trab tiekol il-jiem kollha ta' ħajtek*" (Gen.3. 13 -14).

Taħt din is-siġra bla ħajja, għandna ukoll lil Adam u Eva, li sa dak il-ħin tal-waqgħa kienu mhux biss igawdu ħbiberija l-iktar intima mal-ħallieq, imma ma kinux kapaċi jagħrfu bejn it-tajjeb u l-ħażin. "*U l-Mulej Alla sejjaħ lil Adam u staqsieh: 'Fejn int?' U dak wieġeb: 'Smajt ħossok fil-ġnien u bżajt għax jien għarwien, u nħbejt'. U staqsieh: 'Min qallek li int għarwien? Jaqaw kilt mis-siġra li jien ordnajtlek li ma tikolx minnha*" (Gen. 3. 9-11).

**Tnax il-niċċa miksijin b'mużajk tad-deheb, bi tnax-il Appostlu fihom, imqegħda fuq is-siġra;** Dak in-nhar tal-waqgħa fid-dnub tan-nisel, barra l-kundanna lil Adam u Eva, Alla wiegħed is-salvazzjoni li kellha titwettaq minn Kristu, li bil-mewt tiegħu kellu jirrestawra l-ħsara li ġab fid-dinja dan id-dnub. "*U jien inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek rasek u inti tattanlu għarqubu*" (Gen. 16. 15).

Bil-Passjoni u l-Mewt tiegħu, Ġesù reġa' ħabbibna mal-Missier, imma billi kellu jerġa' lura fis-sema ried li l-bniedem ikollu għajnuna spiritwali fil-mixja tiegħu lejn is-sema. Għalhekk waqqaf il-knisja tiegħu fuq it-tnax-il appostlu li qabel tela' fis-sema tahom kmand: "*Morru fid-dinja kollha, xandru l-bxara t-tajba lill-ħolqien kollu*"( Luqa 16.15).

**Id-dorsale ta' dan il-pulptu**; Hawn għandna żewġ pilastri li fuqhom qed jistrieħ il-frontispizju bl-arma bi trerenju fuqu, miżmuma minn żewġ anġli, u fuq din l-arma hemm ktieb u fjamma. Kemm it-trerenju, kif ukoll l-ktieb u l-fjamma, huma simboli ta' San Pietru u San Pawl, il-Prinċpijiet tal-Appostli. Taħt il-gwarniċun imbagħad hemm żewġ anġli oħra iżommu purtiera tal-irħam aħmar, fuq figura ta' Kristu Rxoxt magħmul mill-mużajk.

Dan it-tron biex insejħulu hekk, mhux qiegħed hemm biss biex iżejjen il-parti ta' fuq tal-pulptu, imma barra dan għaliex jekk wieħed jinnota, il-parti t'isfel ta' dan il-mużajk hi bieb li minnu jgħaddi l-predikatur, meta jitla' biex minn fuq il-pulptu jinseġ xi omelija jew paninġierku.

Min din l-ispjegazzjoni bibblika, wieħed jinnota kemm l-artist li ddisinja dan il-pulptu ried kif qal hu stess fl-ittra lill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tan-Nadur, ċitata minni iżjed 'il fuq, li jagħmel pulptu tassew artistiku, u li jwassal messaġġ bibbliku.



*Il-pulptu kif inhu llum*

Patri Raimondo Biagio Rakos O.F.M. Conv. Penitenzier Apostoliku għall-ilsien Ungeriż li meta kien jitqiegħed f'postu dan il-pulptu għamel vista fil-Kolleġġjata tan-Nadur, fil-ktieb tiegħu *Roma Patria di Tutti* (1972), u li fih irriproduċa diversi ritratti tal-Bażilika u l-Pulptu tan-Nadur jistqarr: "A Nadur *del pari ammiriamo il pulpito in costruzione precisamente nella chiesa Collegiata dei Ss. Pietro e Paolo. L'ha ideato il Prof. Testa. I protoparenti sottostanti all' albero di rami troncati e tagliati, simboleggiano la vita originariamente sana ma poi rovinata; al lato del pulpito, i dodici Apostoli, in bronzo, sono i predicatori della rigenerata vita umana germogliata dal seme del Vangelo; ed infine, sulla porta di marmo intarsiato del pulpito stesso, la gloriosa persona di Cristo Risorto che supera e fa superare la morte eterna*".(Roma Patria di Tutti, Pag.93).

Għalkemm il-pulptu m'għadx baqagħlu użu fil-knisja, għaliex fil-liturġija l-ġdida l-post minn fejn titħabbar il-Kelma t'Alla, hu l-ambone, f'dawn l-aħħar snin kien jintuża biss fil-festi titulari, dik sekondarja u fl-okkażjonijiet ta' xi *prima messa*, però kif ġie idejalizzat minn Professur Testa, dan il-pulptu jidher monument tal-kelma t'Alla u tal-istorja tas-Salvazzjoni fil-Bazilika ta' San Pietru u San Pawl.

*Referenzi:*

Maria Gambin. *Oscar Testa Pittur Malti* 1909-1979.
Raimondo Biagio Rakos. *Roma Patria di Tutti.* Roma 1972.
Alexander Bonnici. *In-Nadur* Vol II. 1988.
Can Ġużeppi Cauchi. Djarju Parrokkjali, Nadur, Vol.1.
Għaqda Bibblika. *Il-Bibbja.*